MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2012

Numru 27/2012

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**v.**

**Alan Gatt”**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attard tal-11 ta’ Lulju 2012 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Alan Gatt naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu, u naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu mill-istess ufficjal tal-*probation* sabiex huwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Jannar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat ir-regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/1939 u l-artikoli 49, 50, 289, 261, 267 u 279 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illli astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni peress illi l-imsemmi Alan Gatt diga` gie trattat dwar ksur ta' sentenza sospiza permezz ta' sentenza precedenti, sabet lill-istess Alan Gatt hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu, u cioe`:

Talli minn gewwa l-istabiliment li jgib l-isem ta' "Sound Machine" li jinsab fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara, nhar-id 9 ta' Dicembru 2010 ghall-habta ta' l-10.30 a.m.:
(1) ikkommetta serq ta' laptop tal-ghamla "Samsung" li l-valur tieghu jaqbez il-mitejn tlieta u tletin euro (€233) izda ma jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Roberto Silvio;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar-il Erbgha 9 ta' Dicembru 2010 f'xi hin matull il-gurnata u fil-granet ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin:

(2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat mir-regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li tforni droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern ta' Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati

u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;l

(3) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regolamenti ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta liema droga kienet fil-pussess tieghu meta ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(4) kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin b’sentenza moghtija nhar-il 21 ta’ Frar 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

(5) ….

(6) irrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi kien gie misjub hati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta li saru definittivi u ghaldaqstant ma jistghux jinbidlu;

u qeghditu taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tliet snin;

**3.** Semghet id-deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attard; rat l-atti kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**4.** L-ordni ta' *probation* maghmul fil-konfront ta' l-imsemmi Alan Gatt stabbilixxa s-segwenti kondizzjonijiet:

**"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.**

**"2. ….**

**"3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu;**

**"4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation*.**

**"5. Li jhallas dak kollu li hu seraq."**

**5.** Mix-xiehda li tat l-ufficjal tal-*probation* Marilyn Attard jirrizulta illi l-*probationer* ghandu problema kbira ta' droga, li ilu fil-hajja tad-droga u konsegwenzjalment tal-kriminalita` ghal zmien twil. Kien diga` taht ordni ta' *probation* u kien dahal programm ta' rijabilitazzjoni u kien sejjer tajjeb hafna, izda meta wasal fl-ahhar fazi kellu *relapse* u baqa' ma rkuprax. Dahal id-DDU kemm-il darba u johrog kontra l-parir mediku. M'ghandux pjan konkret x'ser jaghmel. L-ufficjal tal-*probation* esprimiet l-inkwiet taghha li l-*probationer* jibqa' jiggustifika l-ghemil tieghu. Waqt is-smiegh ta' din id-denunzja l-*probationer* kien jinsab mill-gdid id-DDU fl-Isptar Monte Carmeli u fl-10 ta' Ottubru 2012 din il-Qorti giet infurmata illi kellu jghaddi ghal programm residenzjali fi zmien ftit gimghat. Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2012 din il-Qorti giet infurmata mill-ufficjal tal-*probation* li l-*probationer* kien telaq mid-DDU fid-19 ta' Novembru 2012 kontra parir mediku. Din il-Qorti harget mandat ta' arrest kontra l-*probationer* li ma deherx ghas-seduta. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012

il-*probationer* deher wara li kien gie esegwit il-mandat u l-ufficjal tal-*probation* ikkonfermat li kien telaq mid-DDU kontra parir mediku. Qalet li fl-20 ta' Novembru 2012 kien mar l-ufficcju taghha u fis-27 ta' Novembru kien mistenni li jidhol Santa Maria izda naqas li jmur ghand il-*key worker* tieghu u b'hekk ma dahalx. Il-*probationer* iddikjara fil-Qorti li kien lest jerga' jidhol l-Isptar Monte Carmeli dakinhar stess. Fil-fatt huwa dahal l-Isptar fejn gie rikoverat fis-*Seclusion Ward* u sadattant kien qieghed jithejja pjan mill-ufficjal tal-*probation* u mill-*key worker* Marquita Camilleri biex isirulu l-*assessments* necessarji biex tkun tista' tigi kkunsidrata l-possibilita` li jidhol gewwa l-*Assessment and Stabilisation Unit* fi hdan l-agenzija SEDQA. Pero`, fit-13 ta' Dicembru l-*probationer* telaq mill-Isptar kontra parir mediku u professjonali. Peress illi l-kaz kellu jkompli jinstema' fis-16 ta' Jannar 2013, din il-Qorti, wara li giet infurmata b'dak li kien gara permezz ta' nota mill-ufficju tal-*probation*, irrikjamat il-kaz ghas-17 ta' Dicembru 2012. Il-*probationer* ma deherx u l-Qorti kellha tohrog mandat ta' arrest.

**6.** Bhalma solitament taghmel din il-Qorti, tat l-opportunita` lill-*probationer* juri jekk kienx verament fl-ahhar dispost biex isegwi l-ordni ta' *probation*. Sfortunatament bl-agir tieghu wera li ma ghandu l-ebda motivazzjoni biex ihalli warajh hajja ta' droga. Quddiem il-Qorti llum stess iddikjara li mhuwiex qieghed jabbuza mid-droga izda, mitlub biex jaghti kampjun ta' l-urina, akkompanjat minn ufficjal tal-*probation*, rega' dahal fl-awla u qal li ma setax. Mill-fedina penali tieghu jidher, almenu *prima facie*, illi huwa nghata opportunitajiet biex jirriforma ruhu: *conditional discharge* sitt darbiet u tqieghed taht ordni ta' *probation* tliet darbiet. Inghata wkoll sentenza sospiza ta' prigunerija bil-kondizzjoni li jibda programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga. Il-*probation* huwa mezz ta' kif persuna tinghata ghajnuna siewja sabiex taghraf tiffaccja l-problemi taghha u tinghata d-direzzjoni mehtiega – dan fl-interess taghha stess u anke fl-interess tas-socjeta`. Sfortunatament il-*probationer* f'dan il-kaz qieghed jahrab mir-realta` u mir-responsabbiltajiet tieghu. In-nuqqasijiet tieghu fl-osservanza tad-direttivi legittimi ta' l-ufficjal tal-*probation* tieghu huma certament nuqqasijiet serji u

ghalhekk issa jrid jiffaccja r-riguri tal-ligi. Konsegwentement din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**7.** Dwar il-piena, din il-Qorti tosserva illi huwa kien ammetta u nstab hati ta’, *inter alia*, traffikar tad-droga kokaina u ta’ pussess aggravat ta’ l-istess. Jigifieri l-piena ta’ prigunerija hi wahda tassattiva. Inoltre kien instab hati ta’ serq aggravat bil-valur u ta’ ksur ta’ *conditional discharge* li kien gie akkordat b’sentenza tal-21 ta’ Frar 2008 li kienet tirrigwarda serq semplici izda kontinwat. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li timponi sentenza ta’ prigunerija.

**8.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Alan Gatt kiser l-ordni ta’ *probation* tat-22 ta’ Gunju 2009, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija (fit-tieni paragrafu) u, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 49, 50, 289, 261(a), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/1939, l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta b’referenza ghas-sentenza tal-21 ta’ Frar 2008, tikkundanna lill-imsemmi Alan Gatt ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tnax-il xahar u ghall-hlas ta’ multa ta’ erba’ mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) li tithallas sa zmien xahar mil-lum u fin-nuqqas tigi kkonvertita fi prigunerija. **Ghal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin sabiex jipprovdi lill-hati l-ghajnuna mehtiega minhabba l-problema ta’ droga li ghandu, kif ukoll kull ghajnuna psikologika u psikjatrika li jkollu bzonn.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------